**Mistoqsija għal tweġiba bil-miktub E-002569/2018**
**lill-Kummissjoni**
Artikolu 130 tar-Regoli ta’ Proċedura
**Alfred Sant (S&D)**

Suġġett: Stimi tal-Kummissjoni dwar il-kostijiet involuti fil-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa

Fil-31 ta' Jannar 2018, il-Kummissjoni ppubblikat proposta leġiżlattiva bl-għan li tissaħħaħ il-kooperazzjoni tal-UE fir-rigward tal-valutazzjonijiet tat-teknoloġija tas-saħħa (HTA). F'dan ir-rigward:

1. Il-Kummissjoni fasslet il-kostijiet medji mġarrba minn Stat Membru biex jiffinalizza valutazzjoni tat-teknoloġija tas-saħħa individwali għal mediċina jew teknoloġija ġdida?

2. Il-Kummissjoni tista' tikkonferma l-għadd ta' HTAs li saru fl-2017?

3. Abbażi tat-tweġibiet mogħtija għaż-żewġ mistoqsijiet preċedenti, il-Kummissjoni tista' tistima l-kostijiet totali involuti fit-twettiq ta' HTA għal mediċina ġdida fl-Istati Membri tal-UE u l-iffrankar tal-kostijiet potenzjali minn approċċ unifikat għall-HTA kif rakkomandat fil-proposta tagħha?